MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2006

Numru 503/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**

**V**

**EMANUEL VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL VELLA** ta' disgha w ghoxrin sena, maghruf bhala ‘Il-Pahh’, bin Angelo u Josephine nee Vella, imwieled Pieta nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Settembru 1974 u residenti Flat 7, Housing Estate, Triq il-Karmnu, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 474874M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004, u matul dawn l-ahhar tnax il-xahar;

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil. persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova lid-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament numru tmienja tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu personali tieghu;

c. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommetta dawn r-reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametri ta' klabb.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-fiat tal-Avukat Generali mahrug fit-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2004 bis-sahha tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap 101] sabiex l-imputat jwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvediment tal-istess Ordinanza [fol 13].

Rat il-kontr'ordni mahrug mill-Avukat Generali mahrug nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 ai termini tal-artikolu 22(2) u 31 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, esibit f'dawn l-atti a fol 140.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna nhar l-erbatax ta' Lulju 2004 [fol 46 et seq].

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha ta' Lulju 2004 **xehed Kevin Camilleri** [fol 19] fejn qal li xi zmien ilu l-pulizija kienu baghtu ghalih d-Depot peress li kien qed jigi nvestigat fuq pussess ta' pakketti ta' droga *smack*. Qal li darba fost l-ohrajn, waqt li kien hdejn il-klabb tal-bocci tal-Fgura, kienu marru l-pulizija fuqu w arrestawh u haduh d-Depot. Qal li kien hemm persuna ohra pero ismu ma ftakrux. Qal li dakinhar hu mar biex jixtri d-droga *smack* minghand certu Leli l-Pa, u cioe l-imputat odjern u tah hames liri u l-imputat tah pakkett *smack*. Qal li minghand Leli l-Pa, l-imputat, darba biss xtara u cioe dakinhar.

Ix-xhud zied jghid li kien irrilaxxja stqarrija lil Ispettur Pierre Grech u l-Ispettur Dennis Theuma u din giet konfermata minnu quddiem il-Magistrat. Qal li kien gie muri sett ta' tmien ritratti u fosthom hu kien gharaf lil imputat odjern bhala l-istess persuna li bieghetlu d-droga. Meta l-Qorti ghamlitlu referenza ghal istqarrija tieghu, x-xhud qal li fil-fatt mhux darba biss kien xtara minghand Leli l-Pa, l-imputat, izda f'okkazzjonijiet precedenti u l-

ahhar dara li kien xtara d-droga minghandu qabel dik fejn qabditu l-pulizija kien xi hames xhur qabel.

Zied jghid li dakinhar li kien gie mwaqqaf mill-pulizija l-Fgura, hu ma kienx mar biex jixtri d-droga minghand l-imputat izda minghand haddiehor. Qal li kien gie muri sett ta' ritratti mill-Ispettur Dennis Theuma u kien staqsih jekk kienx qed jaghraf lil xi haddiehor li jbieghlu d-droga u hu kien identifika lil imputat odjern bhala l-persuna li fil-passat u cioe xi hames xhur qabel, kien jixtri minghandu. Qal li hu kien gie mressaq l-Qorti f'zewg okkazzjonijiet sabiex jikkonferma l-istqarrija tieghu u meta l-Qorti kienet staqsietu minghand min kien jixtri d-droga kien wiegeb li kien jixtri minghand l-imputat odjern u viva voce, fil-presenza tal-imputat, rega kkonfema dan fil-konfront tal-imputat.

Illi nhar s-sebgha ta' Lulju 2004 **xehed PC 279 Kevin Gauci** [fol 21] fejn qal li fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 waqt li kienu fuq patrol fl-inhawi tal-Bocci Klabb tal-Fgura flimkien ma PS 765 Sandro Attard u PC 138 Joseph Portelli, innutaw xi zaghzagh suspettuzi w ghalhekk ipparkjaw il-vettura taghhom warajhom u l-imputat beda jiccaqlaq ftit ftit lil hinn meta mbaghad waqqfuh u kif wasal hdejn il-bieb tax-xufier, ghamel moviment li kien qed jarmi xi haga taht l-karozza. Qal li ghalhekk marru partikolarment fuq din il-persuna w is-Surgent iccekkja taht il-vettura in kwistjoni fejn huwa dehrlu li l-imputat kien rema' xi haga u minn hemmhekk eleva borza b'xi tmien pakketti fiha li kien suspettat droga. Qal li wara informa lis-superjuri tieghu w infethet inkjesta.

Qal li z-zaghzagh li kienu raw kienu tlieta barra w iehor bil-qeghda fuq is-seat tal-passiggier b'saqjh mdendlin 'l barra bil-bieba miftuha. Zied jghid li z-zaghzugh li ghamel l-moviment suspettuz kien l-imputat li gharaf presenti fl-awla. Qal li f'idejn l-imputat, hu ma ra xejn partikolari pero x'hin identifikaw ruhhom li kienu pulizija huwa beda jaghmel dawk l-manuvri li fil-fehma tieghu kienu suspettuzi u dan sabiex jinheba u ma jarawhx jarmi xi haga. Qal li l-oggett li sabu kien mitfugh taht l-karozza ftit boghod minn fejn kien l-imputat bil-wieqfa ezatt mal-karozza. Zied jghid

li z-zaghzagh l-ohra ma ghamlu ebda moviment u minn search li ghamlu fuq dawn iz-zaghzagh l-ohra, r-rizultat kien wiehed fin-negattiv.

Illi nhar d-dsatax ta’ Lulju 2004 **xehed PC 138 Joseph Portelli** [fol 28] fejn qal li fis-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 2004 ghal xi s-saghtejn ta’ wara nofsinhar mar hdejn il-Bocci Klabb tal-Fgura sabiex jaghmel tfittxija fuq in-nies fejn hemmhekk lemah lil imputat odjern li gharaf presenti fl-awla u kif resaq fuqu l-imputat telaq borza mal-art taht karozza w appena elevaw l-borza rrizulta li kien hemm xi oggetti suspettuzi u cioe tmien pakketti bi trab kannella. Qal li ghalhekk dawn gew mghoddija lil membri tal-forensika ghal analizi necessarja. Qal li hu ra lil imputat jarmi borza taht l-karozza, l-istess li giet elevata minnhom. Qal li hu kien cirka ghaxar piedi boghod mill-imputat.

Illi nhar d-disgha ta’ Settembru 2004 **xehed PS 765 Sandro Attard** [fol 35] fejn qal li fis-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 2004 ghal xi s-saghtejn ta’ wara nofsinhar mar ma PC 138 Joseph Portelli hdejn il-Bocci Klabb tal-Fgura w appena avvicina vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABH 331 kien hemm tlett persuni hdejha mdawwrin maghha u kif rawh, wiehed minnhom u cioe l-imputat li gharaf presenti fl-awla, deher jarmi xi haga taht l-istess vettura. Qal li meta ttawwlu taht l-karozza sabu borza bi tmien *sachets* suspettuzi fiha li giet elevata u mghoddija lil membri tal-forensika ghal analizi necessarja. Qal li deher car li kien l-imputat li rema’ din il-borza taht l-karozza, u fil-fatt mieghu, l-imputat kien ammetta li kien remiha l-borza in kwistjoni hu, ghalkemm qallu li ma kienetx tieghu.

Illi nhar l-ewwel ta’ Novembru 2004 **xehed l-Ispizjar Mario Mifsud** [fol 80] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita a fol 55 tal-atti markata bhala dokument MM. Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li fit-trab kannella li kien hemm fit-tmien qratas misjuba u mghoddija lilu, nstabet fihom s-sustanza Eroina f’ammont nett totali ta’ 0.289 grammi.

Illi nhar l-erbatax ta’ Frar 2005 **xehdu PS 36 Sergio Azzopardi u PC 186 Christian Mintoff** [fol 92] fejn

ippresentaw u halfu r-relazzjoni taghhom in konnessjoni ma dan il-kaz li giet mmarkata bhala dokument SOCO. Flimkien ma din r-relazzjoni gew ippresentati tlett ritratti li gew immarkati bhala dokument SOCO 1.

Illi nhar s-sitta ta' April 2005 **xehed PS 659 Jeffrey Hughes** [fol 106] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu in konnessjoni mal-kaz odjern li giet mmarkata bhala dokument FOTO.

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2005 **xehed PC 733 Joseph Galea** [fol 130] fejn wara li gie muri l-istqarrija markata bhala dokument AL 3 a fol 10 tal-atti, ikkonferma li hu kien presenti waqt t-tehid ta' din l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat odjern wara li kien inghata s-solita twissija. Ikkonferma l-firma tieghu, tal-Ispettur Pierre Grech kif wkoll tal-imputat fuq kull faccata tal-istess stqarrija.

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2005 **xehed l-Ispettur Pierre Grech** [fol 132] fejn qal li fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 kien hemm pulizija tad-*drug squad* jaghmlu ronda hdejn il-klabb tal-bocci tal-Fgura fejn innutaw xi nies suspettuzi f'karozza. Qal li fost dawn in-nies kien hemm l-imputat odjern li gharaf presenti fl-awla. Zied jghid li l-pulizija waqqfuhom, ghamlu tfittxija fil-vettura fejn kien riekeb l-imputat w innutaw li l-imputat, meta huma kienu qed javvicinawh, tefa' xi haga taht l-karozza. Qal li meta l-pulizija fittxew taht l-karozza sabu borza kontenenti sustanza allegata droga li giet elevata u mghoddija lil esperti tal-forensika ghal analizi necessarja.

Qal li hu kellem lil imputat fil-presenza ta' PC 733 Joseph Galea fejn fil-fatt cahad li dik d-droga li nstabet kienet tappartjeni lilu. Qal li fl-inkjesta li nfethet rigward dan il-kaz kien hemm wkoll certu Kevin Camilleri li xehed f'din il-kawza fejn qal li gieli xtara d-droga minghand l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, li m'humiex kontestati, jidher car li nhar s-sebgha ta' Gunju 2004, l-imputat kien fil-pussess ta' tmien *sachets* ta' droga Eroina waqt li kien hdejn il-

klabb tal-bocci fil-Fgura. Ghalkemm l-imputat jichad li dawn is-*sachets* kienu tieghu, kemm PS 279 Kevin Gauci, PC 138 Joseph Portelli u PS 765 Sandro Attard jghidu li raw lil imputat, li gharfu presenti fl-awla, jarmi l-borza bis-*sachets* taht l-karozza. Dawn s-*sachets* gew ezaminati minn Mario Mifsud espert fl-analizi tad-droga u dan ikkonferma li kien fihom d-droga Eroina.

Dwar l-akkuza ta' traffikar ta' droga, l-pulizija ressqet lil Kevin Camilleri jixhed u dan nhar s-sebgha ta' Lulju 2004 wara li kien diga rrilaxxja stqarrija quddiem l-Pulizija Ezekuttiva nhar t-tnejn ta' Gunju 2004 [dokument PG – fol 72] w ikkonferma l-istess quddiem il-Magistrat tal-Ghassa Dottor Joseph Apap Bologna nhar l-erbgha ta' Gunju 2004. F'din l-istqarrija Kevin Camilleri kien gharaf lil imputat bhala l-istess persuna li kien bieghlu d-droga f'diversi okkazzjonijiet. L-istess Kevin Camilleri kien wkoll ikkonferma stqarrija ohra quddiem il-Magistrat Dottor Silvio Meli u wkoll kien identifika lil imputat f'ritratti li gew murija lilu bhala l-persuna li bieghlu d-droga Eroina.

Meta xehed l-Qorti, Kevin Camilleri qal li dakinhar li gie mwaqqaf mill-pulizija, ma kienx xtara d-droga minghand l-imputat odjern izda minghand haddiehor pero kkonferma li kien xtara d-droga minghand l-imputat f'diversi okkazzjonijiet ohra u cioe tul il-perjodu ta' hames xhur qabel. F'din l-okkazzjoni rega' kkonferma ix-xhieda li kien ta quddiem il-Magistrat tal-Ghassa. Din ix-xhieda ta' Kevin Camilleri qatt ma giet michuda mill-imputat jew minn xi xhieda li setgha ressaq hu.

Ma hemmx xubbju ghalhekk li din l-akkuza li pprokura d-droga Eroina fil-perjodu ta' tnax il-xahar qabel s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2002 tirrizulta wkoll.

Dwar it-tielet akkuza u cioe li kkommetta r-reat fuq imsemmija f'distanza ta' inqas minn mitt metru mill-parametri ta' klabb, il-Qorti rat l-verbal tad-difiza kif registrat fl-atti nhar l-ewwel ta' Novembru 2004 fejn qablet li l-post fejn instabet d-droga kien f'parametri ta' inqas minn mitt metru mill-klabb tal-bocci tal-Fgura w ghalhekk tali akkuza tirrizulta ppruvata wkoll.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esibita fl-att a fol 9 markata bhala dokument AL 2, minn fejn jirrizulta li l-imputat diga nstab hati ta' pussess ta' droga almenu f'zewg okkazzjonijiet sas-sena 1998 fost akkuzi ohra ta' biegh ta' dokument ta' votazzjoni u reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku w inghata probation, multi u sentenzi ta' prigunerija pero dan nonostante, l-imputat ma tghallimx mill-passat tieghu tant li rega' jinsab l-Qorti b'akkuzi aktar serji.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment r-Regolament 4 tar-regoli tas-sena 1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi GN 292/1939 kif sussegwentement emendat bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 4, 6, 8, 22(2) tal-Kap 101 **tiddikjara li qed ssib lil imputat EMANUEL VELLA hati ta' pussess u traffikar ta' droga u dan f'distanza ta' inqas minn mitt metru mill-klabb tal-bocci tal-Fgura u tikkundannah ghal sentejn prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' elf lira maltin.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jhallas l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' espert ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti rat li fil-proceduri odjerni kien gie nominat Mario Mifsud bhala espert fl-analizi tad-droga w ghalhekk tordna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra tieghu fl-ammont ta' tmienja w erbghin lira u erbgha w erbghin centemzu [LM 48.44] lil Gvern ta' Malta fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti.**

**Ghal dan l-ghan, il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------